Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.

Appell Nru: 476 / 2016

Il-Pulizja

Vs

Juan Debono

Illum 19 ta' Jannar, 2017

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Juan Debono detenur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 452073 M, akkuzata quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Ghax-xahar ta' Mejju 2016, fil-Gzejjer Maltin:

1. Naqas milli jaghti lil Miriam Debono, is-somma ta' tmin mitt ewro, ffissata min din il-Qorti jew stipulate fil-kuntratt bhala manteniment ghal uliedu w / jew martu fi zmien hmistax il-jum minn dak il-jum li fih, skond l-ordni jew dak il-kuntratt kellha tithallas is-somma.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tal-11 t' Ottubru, 2016, fejn il-Qorti ghal dawn il-motivi, wara li rat l-Artikolu 338 (z) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Din il-Qorti sabet lill-imsemmi imputat hat ital-akkuzi kif dedotti mill-Prosekuzzjoni u ikkundannatu ghal xahar detenzjoni.

Il-Qorti fissret fi kliem car, il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant Juan Debono, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fid-19 t' Ottubru, 2016, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tilqa' dan l-appell, tirrevoka s-sentenza appellata u tilliberah minn kull imputazzjoni u piena skont il-ligi. Altenattivament u minghajr pregudizzju f' kaz li dan l-appell ma jintlaqax, joghgobha thassarha fil-parti tal-piena billi minflok tigi imposta piena jew sanzjoni ohra li tkun aktar ekwa ghac-cirkostanzi tal-kaz.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju tal-appellant Juan Debono huwa car u manifest u jikkonsisti fis-segwenti:

1. L-Aggravju - illi l-appellant jikkontendi li l-piena nflitta fuqu hija wahda esagerata tenut kont il-fatt li l-appellant ma riedx li jahrab mill-obbligi tieghu imma kienet biss kwistjoni li sa dakinhar tas-sentenza appellata kien ghadu m' huwiex f' posizzjoni li jhallas il-manteniment imsemmi.

   Illi l-appellant kien ghaddej minn diffikultajiet finanzjarji kbar minhabba li kif diga' gie rilevat iktar 'il fuq, ftit wara li inghata l-imsemmi digriet ta' manteniment fl-ammont ta' Eur 800 fix-xahar, huwa safa bla xoghol wara li tkecca mix-xoghol li huwa kellu bhala xufier mal-Malta Public Transport u dan wara li kien involut f' incident tat-traffiku u ghal zmien twil, u cioe sa Marzu tas-sena elfejn u sittax, huwa kien jinsab bla impjieg;

Illi ghalhekk l-appellant sab ruhu rinfaccjat b' cirkostanzi li ma kellux kontrol fuqhom u fil-fatt huwa anke ghadda biex appella mill-imsemmija decizjoni mal-Malta Public Transport: madanakollu dan kien kollu ghalxejn;

Illi l-appellant ilu minn dak iz-zrnien li tkecca u cioe' minn April 2015 jirsisti biex jimpjega ruhu u fil-fatt kien biss fl-1 ta' Marzu 2016 li huwa rnexxielu jsib xoghol: ghal liema huwa jithallas Eur 950 gross fix-xahar; mill-liema somma jrid jghux hu, jhallas kirja ta' Eur 300, u anke jhallas il-manteniment kif likwidat mill-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) fl-ammont ta' Eur 800 fix-xahar;

Illi effettivament l-appellant anke ha hsieb jintavola diversi rikorsi opportuni quddiem il-Qorti kompetenti biex il-Qorti tirrikunsidra d-decizjoni moghtija minna, fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz odjem, madanakollu dik il-Qorti sal-llum, dejjem cahdet l-istess talba;

Illi di piu' jinghad u dan anke jista' jigi pruvat, illi kif appena l-esponent impjega rnhu, mill-paga tieghu, huwa minnufih beda jivversa favur martu, is-somma ta' Eur 400 fix-xahar bhala manteniment ghall-ulied u fil-fatt ghax-xahar ta' Mejju 2016, ghall-liema huwa kien akkuzat nhar it-12 t' Ottubm 2016, huwa gja hallas Eur 400 kif jirrizulta mill-bank statements / transactions hawn annessi;

Illi ghalhekk dan huwa manifestament kaz ta' impossibbilta' finanzjarja li l-appellant sab ruhu fiha, u mhux is-solitu kaz ta' pika li l-Qrati taghna tant huma imdorijin jaraw;

Illi ssir referenza ghas-sentenza deciza mill-Appell Kriminali fl-ismijiet Il-Pulizija vs. Publius Said nhar id-9 ta' Lulju 2003 u f' diversi sentenzi sussegwenti, fejn din il-Qorti tenniet is-segwenti:

'l-ghan ewlieni tal-legislatur meta introduca din il-kontravvenzjoni xi ftit tas-snin ilu kien li jgib pressjoni fuq persuni li jkunu riluttanti li jhallsu manteniment lid-dipendenti taghhom u mhux li jippunixxi biss ghall-ksur tal-ordnijiet tal-Qrati, li kif intqal ghandhorn dejjem jigu obduti u osservati skruplozament.'

Illi fis-sentenza deciza fl-ismijiet Il-Pulizija vs. Anthony Azzopardi nhar is-26 ta' Settembru 2011, deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali (per Prim' ImhalIef David Scicluna) gie deciz li in vista ta' dak deciz fis-sentenza il-Pulizija vs. Publius Said, 'konsegwentement ghandu jkun hemm temperament fil-piena' u dik il-Qorti rriformat is-sentenza appellata, rrevokata in kwantu kkundannatu lill-appellant ghal xahar prigunerija, u minflok kundannatu ghall-hlas ta' ammenda ta' tmienja u hamsin ewro u tlieta u ghoxrin centezrnu (€58.23), lierna somma tigi kkonvertita f' hamest ijiem detenzjoni jekk ma tithallasx minnufih.'

Illi anki fis-sentenza deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fl-ismijiet Il-Pulizija vs. Mario Gafã, deciz fl-1 ta' Novembru 2010 (AppelI Kriminali Numm 259/2010) fejn l-imputat kien akkuzat talli ma hallasx il-manteniment ghax-xhur ta' Awissu 2009, Settembru 2009, Ottubru 2009 u Novembru 2009, l-Ewwel Qorti kienet ikkundannatu xahar prigunerija sospizi ghal sena ai termini tal-Artkolu 28 A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u ordnatu sabiex ihallas is-somma ta' elfejn u tmienja u erbghin euro ( € 2,048 ).

Illi nonostante dan, dwar din il-piena msemmija f' din is-sentenza citata, l-Qorti tal-Appell Kriminali kienet irriformat s-sentenza appellata, irrevokata in kwantu kkundannat lill-imputat Mario Gafa xahar prigunerija sospizi ghal sena ai termini ta' l-Anikolu 28 A tal-Kapitolu 9 tal-Liijiet ta' Malta u ordnat li jhallas is-somma ta' elfejn u tmienja u erbghin euro (€2,048) fi zmien tliet (3) xhur ai termini ta' l-artikolu 28 H tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u minflok a tenur ta' l-

Artikolu 15 tal-Kapitolu 9 tal-ligjiet ta' Malta, twiddbu biex ma jergax u tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija.'

Illi fil-kawza fl-ismijiet Il-Pulizija vs. Joseph Brincat deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fil-21 ta' Mejju 2013, l-imputat kien akkuzat talli ma' hallasx manteniment ghax—xhur ta' Gunju 2011 u LuIju 2011, l-ewwel Qorti kienet ikkundannatu xahar prigunerija sospiz ghall sena ai terminu tal-Artikolu 28 A tal-Kapilolu 9 u ordnat lill-imputat sabiex ihallas is-somma ta' erba mitt euro (€400) fi zmien xahar ai termini tal-Artikolu 28 H tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi din l-Onorabbli Qorti kienet laqghet l-aggravju tal-appellant dwar il-piena u bidlet u rrevokat il-piena ta' 'xahar prigunerija sospiza ghal sena u minflok qed tikkundannah ihallas amenda ta' Eur 58'

Ghalhekk, tenut kont tal-verosimilita' tal-kaz tal-appellanti ghal dawk tas-sentenzi hawn fuq citati u l-fatt li huwa effettivament hallas nofs l-ammont minnu dovut l-appellanti jikkontendi li hemm lok ghal mitigazzjoni tal-piena erogata rnill-ewwel Onorabbli Qorti;

Ikkunsidrat,

Illi ghalkemm l-akkuza kif dedotta kontra l-appellanti tirrizulta ppruvata billi l-pagament tal-manteniment qed isir tardivament, madanakollu, billi jirrizulta illi partijiet ittransigew din il-vertenza skond kuntratt ta' separazzjoni esebit in atti, hemm lok ghall-temperament fil-piena.

Ghaldaqstant din il-Qorti qeghda tirriforma s-sentenza appellata, billi filwaqt illi tikkonfermha fejn din sabet lill-appellant hati tal-akkuzi dedotti fil-konfront tieghu tirrevoka in kwantu ikkundannatu ghal xahar detenzjoni u wara li rat l-artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta, tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena m'illum.

Il-Qorti wissiet lil hati bil-konsegwenzi skont il-ligi jekk jikkometti reat iehor matul dan il-perijodu ta' liberta' kondizzjonata.

(ft) Edwina Grima

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur